# Il-Purċissjoni ta' San Lawrenz fis-Snin Tletin

minn Joseph Porsella-Flores

GĦAŻILT nikteb dwar il-purċissjoni ta' San Lawrenz madwar sittin sena ilu mill-memorja tagħna l-anzjani li dik il-ħabta konna tfal, żgħażagħ, jew kbar, u kien ikollna sehem fiha bħala attivisti jew spettaturi.

Dak iż-żmien il-purċissjoni kienet tkun ferm iktar devota u kien fiha dehra. Toħroġ fis-6 ta' filgħaxija (ma kienx jeżisti l-ħin tas-sajf bl-arloġġ siegħa 'l quddiem), tgħaddi mid-dawra l-kbira, u tidħol fit-tmienja u nofs.

Kienet tibda bil-fratellanzi: tal-Vija Sagra, tal-Kurċifiss, ta' Santa Katerina, ta' San Ġużepp, tal-Karità, tal-Kunċizzjoni u tas-Sagrament. Fil-verità għall-purċissjonijiet ta' San Lawrenz kienet tinqala' daqsxejn ta' diffikultà peress li diversi fratelli kienu miktubin f'iżjed minn fratellanza waħda; għaldaqstant waqt li fil-festa tal-Qaddis/a Patrun/a ta' Fratellanza l-fratelli kienu jkunu numerużi, fil-festa ta' San Lawrenz kien jeħtieġ li jitqassmu bejn il-fratellanzi kollha biex ikun hemm ċertu bilanċ. Xi wħud kien jidhrilhom li aħjar jaraw il-purċissjoni għaddejja milli jieħdu sehem fiha.

Raġuni oħra ta' nuqqas ta' fratelli kienet għaliex wara li fis-sena 1936 ġew miżmuma l-privileġġi li kellhom il-Kolleġġjati – tagħna tal-Birgu b'mod partikolari bit-tneħħija tal-quddiesa magħrufa **ta' b'sebgħa** – xi fratelli kienu jipprotestaw billi ma jeħdux sehem.

Wara kull standard merfugħ minn fratell, kien ikun hemm mill-inqas tliet fratelli u ieħor fis-surġentina biex jirregola kemm il-fratelli jżommu bogħod minn xulxin matul it-triq. Fin-nofs kien jimxi r-Rettur tal-fratellanza liebes ukoll il-midalja tal-kariga tiegħu, imdendla minn għonqu b'lazz għal fuq sidru.

Kien fihom gost il-fratelli tarahom bil-kunfratija ġeneralment illamtata mħażżmin b'ċinglu ta' l-istess kulur, u b'kuruna kbira tar-rużarju, biż-żibeġ tal-madreperla, maqbuda miċ-ċinglu, iżommu f'idejhom xema tixgħel (sakemm ma tintefhiex bir-riħ). L-ilbies tal-fratellanzi kien: tal-Vija Sagra suttana ħamra bil-buttuni ta' l-istess kulur minn fuq s'isfel, muzzetta sewda, b'salib żgħir tal-passjoni (tal-metall, komplut bil-lanza u l-isponża) mdendel mill-għonq fuq il-muzzetta; tal-Kurċifiss kunfratija vjola u barnuż; ta' Santa Katerina u ta' San Ġużepp kunfratija bajda; tal-Madonna tal-Karità kunfratija bajda u muzzetta krema bil-kelma CHA RI TAS (tliet sillabi taħt xulxin) minsuġa b'ħarir aħmar fuq il-ġenb tax-xellug tal-muzzetta; tal-Kunċizzjoni kunfratija bajda b'muzzetta blu; tas-Sagrament kunfratija bajda b'muzzetta ħamra. Xi fratelli bil-kunfratija bajda kienu jilbsu wkoll żarbun abjad u ngwanti bojod.

Fit-tieni nofs tas-snin tletin bdew jikkumpanjaw fil-purċissjoni anki t-Terzjarji Franġiskani lebsin il-labtu jew tonka bħall-patrijiet, u kurdun abjad u kuruna sewda. Il-Patrijiet Kapuċċini tal-Kunvent tal-Kalkara bil-bandalora tagħhom, u l-Patrijiet Dumnikani tal-kunvent tal-Birgu, bis-salib tal-kleru bil-pendenti, biex juru li huma suġġetti għall-parroċċa.

Warajhom kien ikun hemm abbati biċ-ċensier idaħħan f'idu x-xellugija u n-navetta bl-inċens fil-leminija (min qed jikteb ġie li kien jagħmel dan is-servizz); kruċiferu liebes l-alba u tuniċella ħamra jerfa' s-salib tal-kleru, b'żewġ abbatini, wieħed kull naħa, jerfgħu l-akkolti, abbatini oħrajn, tnejn tnejn, lebsin is-suttana, spellizza, berettin u żarbun iswed; kjeriċi u qassisin; sitt kappisti bil-

⇨ 75

⇦ 39
kappa ħamra fuq l-ispellizza u l-berettin. Warajhom jimxi l-mazzier bil-libsa gala ta' kavallier, jerfa' l-mazza fuq spalltu x-xellugija; il-Kanonċi, tlettax dak iż-żmien, lebsin l-abiti korali, bir-rużetta, u l-bokkli fiż-żarbun; warajhom il-Kanonċi dinjitari ibda mill-Kantur, waħdu fin-nofs, bil-virga ndurata fuq spalltu x-xellugija segwit mill-Primiċerju, it-Teżorier, u d-Dekan, ilkoll bit-torċa f'idhom. Warajhom iċ-Ċerimonjier, u fl-aħħar l-Arċipriet bil-kappa ħamra fuq ir-rukkett u s-salib pettorali, jerfa' r-relikwija nsinji ta' San Lawrenz, b'żewġ assistenti lebsin it-tuniċella ta' l-istess kulur, wieħed kull naħa jżommlu t-tarf tal-kappa.

Fl-aħħar tiġi l-vara ta' San Lawrenz bir-reffiegħa bil-kunfratija bajda. Sew sew quddiem il-vara kien jimxi stakkament ta' sitta jew tmien kuntistabbli biex jinżamm il-bon ordni u l-aspett devot tal-purċissjoni.

Fil-pjazza ma kienx jonqos iċ-ċapċip tal-folol li kienu jiġu apposta anki minn barra l-Birgu, fost id-daqq tal-marċ u l-innu f'ġieħ San Lawrenz miż-żewġ baned li kienu joqogħdu fuq il-planċier tagħhom bħalma għadu jsir daż-żmien. Minn fuq il-gallarija tat-torri ta' l-arloġġ, li kienet tkun invażata bin-nies, kienet tinżel xita ta' sunetti; din kienet ħaġa tassew spettakolari flimkien mal-musketterija minn fuq diversi bjut madwar il-pjazza. Mill-pjazza l-purċissjoni tgħaddi għal Strada Porta Maggiore (tal-Lunzjata) minn ħdejn il-każin tal-Banda Duke of Edinburgh, illum Banda San Lawrenz. Fil-bidu tat-triq (fil-kantunieri mal-pjazza u Strada Libeccio) kien jintrama ark trijonfali (inqered bil-gwerra) b'kuruna f'nofsu biex hekk kif il-vara ta' San Lawrenz tasal taħtu, minn borża fil-kuruna li kienet tinfetaħ bil-ġbid ta' korda, jinżlu gzuz ta' sunetti fuq il-vara fost iċ-ċapċip u l-gost tal-folla preżenti.

Il-purċissjoni kienet tkompli matul it-triq tal-Lunzjata, dik tas-sur tal-kurdara, u t-toroq l-oħra magħrufa. Minn Triq Santa Skolastika tkompli għal fuq is-sur fejn kien ikun hemm Banda oħra biex tferraħ ukoll lin-nies ta' dik in-naħa tal-belt; minn hemm taqsam għall-pjazzetta, tidħol fi Strada San Lorenzo u x'ħin il-purċissjoni toqrob għall-knisja, in-nies terġa' tinżel mill-pjazza u tersaq lejn iz-

⇨ 77

**Il-Pjazza armata għall-festa fis-snin tletin.**



⇦ 75
zuntier biex tara t-tmiem tal-purċissjoni li kienet tidħol madwar it-8 u nofs ta' filgħaxija (ftit wara siegħa lejl kif konna ngħidu) bil-vara mhix imbegħda mill-Arċipriet. Fil-knisja terġa' tindaqq l-antifona **Levita Laurentius** fost il-ferħ brijuż imma devot ta' kulħadd. Bit-**Tantum Ergo** u l-Barka Sagramentali kienet tagħlaq il-festa liturġika.

Wara n-nies kienet tinġabar madwar il-Baned li kienu jkomplu bil-programmi mużikali tagħhom, ġeneralment bċejjec operistiċi li kienu jkunu mfittxija ħafna. Jispiċċaw qrib il-ħdax ta' bil-lejl, b'kull Banda ddoqq fi tmiem il—programm l-innu tagħha u l-innu tar-Re (**God Save the King**) fost iċ-ċapċip tan-nies b'turija ta' sodisfazzjon u apprezzament.

Nittama li din il-kitba tiegħi għoġbot lil dawk il-qarrejja anzjani li bħali jiftakru x'kien jiġri, u lil dawk li twieldu minn żmien il-gwerra 'l hawn li minħabba ċ-ċirkostanzi taż-żminijiet u t-tibdil li sar, tilfu l-kontinwità ta' x'kien isir qabel. Fil-fehma fqira tiegħi dan it-tibdil sewa iktar ta' ħsara u deni milli ta' ġid. Jidhirli li hemm ċans li l-purċissjoni terga' tibda tgħaddi mid-dawra l-kbira, u tispiċċa x-Xatt il-Kbir issa li dan reġa' ġie rranġat, kif naqraw li kien isir sal-bidu tas-seklu dsatax, għall-glorja ta' San Lawrenz. ❑


# RAY STORE

PROP. RAYMOND BORDIERI

***Għall-affarijiet tal-grocer u dak kollu li teħtieġ il-mara tad-dar***

17, Mistral Street,
Vittoriosa